MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Numru 1054/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs.**

**MUSTAF ABDI BIHI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mustaf Abdi Bihi ta’ 24 sena, iben Mustafa Abdi Bihi u Fadumo Osman Ducale, imwieled is-Somalia nhar l-01.02.1985 u jirrisjedi gewwa Hal-Far Tent Centre, Hal-Far, u li ghandu karta ta’ l-identita’ Maltija bin-numru 48598(A).

Billi huwa akkuzat talli nhar l-4 ta’ Ottubru 2009 f’xi hin filghaxija gewwa Hal-Far Hanger Centre dolozament, bil-

hsieb li jghamel delitt u cioe' li minhajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Hussein Ali Omar u persuni ohra f'periklu car, ikkaguna orriza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Hussein Ali Omar;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra diversi persuni;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kisser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, glied jew mod iehor.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 8 ta' Frar, 2010 li huma l-artikoli 214, 215, 216(1)(a), 216 1(b), 216(1)(c), 216(1)(d), 216 (2), 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u nnutat li l-imputat Mustaf Abdi Bihi m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Portelli, b'referenza ghat-talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema artikolu gie moghti mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju datata 8 ta' Frar, 2010, iddikjara li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement talab lil-Qorti tastjeni milli tiehu

konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Inoltre l-isess Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Portelli iddikjara li fil-kaz odjern kien jissussisti element ta’ provokazzjoni da parti tal-vittma Hussein Ali Omar fil-konfront tal-imputat meta sehhew ir-reati addebitati lill-imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 216(1)(a), 216 1(b), 216(1)(c), 216(1)(d) u 216(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Mustaf Abdi Bihi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Portelli iddikjara li fil-kaz odjern kien jissusisti element ta’ provokazzjoni da parti tal-vittma Hussein Ali Omar fil-konfront tal-imputat meta sehhew ir-reati addebitati lill-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Mustaf Abdi Bihi ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Mustaf Abdi Bihi jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inkwantu ghat-talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema artikolu gie moghti mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju datata 8 ta’ Frar, 2010 fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Portelli fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imsemmija talba.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Mustaf Abdi Bihi b’obbligazzjoni personali ta’ elf Euro (Euro 1000) li jzomm il-kwiet ma’ Hussein Ali Omar, u li jzomm il-bonordni pubbliku ma kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mustaf Abdi Bihi l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------